MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 374/2007

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Property Deal Real Estate Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi in forza ta` liema ntalab fit-30 ta` April, 2007 illi s-socjeta` konvenuta giet ikkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` Lm240.00, rapprezentanti ammont illi ghadu dovut in konnessjoni ma` servizzi lilha rezi ghax xahar ta` Dicembru, 2006.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 27 ta` Frar, 2007 u dawk tal-mandat ta` sekwestru pprezentat kontestwalment ma` dan l-att u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta` konvenuta ghalkemm legalment notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta formali in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Semghet ix-xhieda tal-PL Peter Paul Sammut li bil-gurament tieghu kkonferma li l-ammont mitlub f`din il-kawza kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum.

Gie notat illi r-rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta baqghu ma dehrux ghas-seduta ta` llum biex jikkontestaw it-talbiet attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta` €559.05, bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta` l-ittra ufficcjali u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------